MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' April, 2010

Appell Kriminali Numru. 292/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ian Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ian Farrugia talli:

(1) fil-gimghat ta’ qabel il-5 ta’ April 2004, flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta’ diversi xoghlijiet ta’ l-arti u oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000), mill-fond nru. 129 Triq l-Ifran il-belt Valletta, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), bil-lok u bil-hin;

(2) fis-27 ta’ April 2004 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hames mitt lira Maltin (Lm500);

(3) f’Malta, f’dawn l-ahhar gimghat, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qere jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, idnahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn reat ta’ serq ikkwalifikat bil-valur;

(4) irrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ malta wara li nstab hati b’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenza saretd efinittiva u ma tistax tigi mibdula;
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-10 ta’ Ottubru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Ian Farrugia hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c)(e)(f), 262, 263, 264, 265, 330, 267, 270, 271, 279(b), 280, 289, 334, 325(a), 49, 50, 31 u 20 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghall-piena ta’ seba’ snin prigunerija, a tenur ta’ l-artikolu 23 ta’ l-istess Kap. 9 ordnat il-konfiska ta’ l-istrumenti uzati fir-reat, u a tenur ta’ l-artikolu 533 ta’ l-istess Kap. 9 ikkundannatu ghall-hlas lir-Registratur ta’ l-ispejjez kollha rigwardanti l-hatra ta’ esperti jew periti nominati;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemi Ian Farrugia pprezentat fil-21 ta’ Ottubru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, u, fin-nuqqas, tirriformaha billi tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta ta’ l-1 ta’ April 2009 id-difiza talbet illi jekk din il-Qorti tqis illi l-appellant ma setax jigi misjub hati tas-serq

u ricettazzjoni f'daqqa, tibghat l-atti mill-gdid lill-ewwel Qorti u l-appellant jitqieghed fl-istat li kien qabel ma nghatat is-sentenza appellata. Din it-talba, li bazikament tirrikjedi l-annullar tas-sentenza appellata, hi effettivament wahda frivola peress illi jekk l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati kemm ta' serq kif ukoll ta' ricettazzjoni hi kwistjoni ta' apprezzament ta' provi, apprezzament li din il-Qorti sejra taghmel u li ghalhekk tkun tista' tiddetermina jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tikkonkludi kif ikkonkludiet. Ghalhekk dan il-pregudizzjali mqajjem mid-difiza qieghed jigi michud.

Issa, l-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament manifestament skorrett tal-provi u applikazzjoni skorretta ta' principji penali stabbiliti; (2) li lanqas ma kellu jinstab hati ta' ricettazzjoni; (3) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ezami komparattiv tal-impronti digitali huwa ghal kollox skorrett; (4) li, minghjajr pregudizzju ghall-premess, l-ewwel Qorti kienet harxa zzejjed fil-piena mposta fuqu. Huwa opportun li jigi trattat fl-ewwel lok it-tielet aggravju peress illi l-ewwel zewg aggravji bazikament jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi.

Dwar it-tielet aggravju l-appellant jghid li ma giex mehud *lifter* bil-mod tradizzjonali. L-espert Nathalie Zahra nghatat ritratt tal-impronti kif ittiehdu minn fuq il-borza u l-ezami komparattiv sar bejn ir-ritratti u l-impronti u ezami komparattiv bejn ir-ritratti u l-impronti fuq il-borza ma sar qatt. Jghid li mir-relazzjoni ta' l-espert imkien ma jinghad li gie ccertifikat li bejn ir-ritratt tal-*lifter* u l-impronti fuq ir-repert kien hemm l-erbatax-il karatteristika li solitament tigi stabbilita. Skond l-appellant m'hemmx b'hekk kontinwita` fl-ezami forensiku li jirrigwarda l-mod kif sar l-ezami komparattiv ta' dawn l-impronti. Ghalhekk, skond l-appellant, huwa ngust li f'cirkostanzi bhal dawn din l-impronta tibqa' tinghata l-importanza li qed tinghata. "Illi dan jinghad aktar u aktar meta wiehed iqis illi d-difiza kienet ghamlet xi domandi fil-qosor meta u fl-istess seduta li gie ppresentat ir-rapport minn l-esperta (ghaliex kien ovvju li kien hemm xi haga hazina kif saret il-*comparison* u rriservat il-kontro-ezami ghal meta tara r-rapport f'dettal.

Illi meta d-difiza giet biex taghmel id-domandi in kontro-ezami l-pulizija semplicement infurmaw lill-Qorti li dina x-xhud ma kinitx baqghet hawn Malta. Illi d-difiza fic-cirkostanzi ntalbet nota fejn fiha ndikat sahansitra x'kienu d-domandi li d-difiza zgur li riedet taghmel. Illi minkejja dan l-izvantagg enormi ta' pregudizzju kbir ghad-difiza fuq punt hekk importanti f'dina l-kawza, l-affarijiet baqghu miexja qisu qatt ma kien xejn u l-ewwel Qorti anqas biss mhux sabet kif ser tillegittima dak li qalet il-prosekuzzjoni dwar dan l-ezercizzju ta' *comparison* izda ma qalet xejn ghajr li l-esperta hija persuna nominata mill-Qorti u ghalhekk il-Qorti ma kellhiex ghalfejn ma toqghodx fuq il-konkluzjonijiet taghha";

Din il-Qorti ma taqbel xejn li l-ezami komparattiv kien wiehed skorrett. Dan l-aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-impronti li nstabu fuq borza tal-plastik li giet elevata minn wara l-hajt falz fil-garaxx ta' Joseph Portelli, liema borza kienet qed tghatti parti mir-refurtiva. Din il-borza tidher fir-ritratti AB17, AB18, AB27, AB28, AB29, AB31, AB32, AB33 u AB34 fil-faxxikolu fotografiku Dok. MM5. Giet elevata – flimkien ma' diversi oggetti ohra – minn P.S. 1374 Edgar Dalli u P.S. 659 Jeffrey Hughes li kienu gew nominati mill-Magistrat Inkwirenti b'digriet tas-27 ta' April 2004 bhala *scene of crime officers* b'ordni li l-impronti elevati jigu komparati ma' l-impronti li jinsabu fil-kollezzjoni tal-Pulizija. Mill-process verbal jirrizulta li fit-28 ta' April 2004 il-Magistrat Inkwirenti gie nformat minn P.S. Dalli u P.S. Hughes li kien hemm impronta elevata minn fuq il-borza li kienet qablet mal-*left ring finger* ta' certu Ian Farrugia, u dan meta saret komparazzjoni bejnha u l-impronti fl-imsemmija kollezzjoni. Ghalhekk il-Magistrat Inkwirenti ordna li tinzamm seduta fid-29 ta' April 2004 li fiha kellhom ikunu prezenti l-imsemmijin *scene of crime officers* kif ukoll P.C. 1238 Clyde Brimmer li gie nominat sabiex jeleva l-impronti kollha ta' l-imsemmi Ian Farrugia u Nathalie Zahra li giet nominata sabiex taghmel komparazzjoni bejn l-imsemmija impronta u ohra elevata mill-istess borza ma' dawk elevati minn fuq Ian Farrugia.

Fis-seduta tad-29 ta' April 2004, P.S. Dalli u P.S. Hughes esebew faxxikolu li gie mmarkat Dok. DH. Ma' dan il-

faxxikolu esebew il-borza msemmija go kaxxa kif ukoll zewg ritratti (Dok. 04 AXL 201 SG1A u Dok. 04 AXL 201 SG2A) ta' zewg impronti li gew zviluppati fuq il-borza u ritratti ingranditi (Dok. 04 AXL 201 SG1B u Dok. 04 AXL 201 SG2B) ta' l-istess ritratti.

L-appellant jilmenta illi ma gewx mehuda *lifters* bil-mod tradizzjonali minn fuq il-borza. Dak li naqas li jghid l-appellant hu li hemm certi oggetti li minn fuqhom ma jistghux jigu elevati impronti bil-mod tradizzjonali, cioe` bis-sistema ta' *powdering*. Illum hemm metodi ohrajn li jistghu jintuzaw biex jigu skoperti impronti li xi kultant ikunu anke mohbijin (*latent*). Dawn imbaghad ma jigux elevati (*lifted*) izda jibqghu *in situ* u wara jigu fotografati biex issir il-komparazzjoni mehtiega. Per ezempju l-uzu ta' *super glue* (*the cyanoacrylate fuming method*), *fluorescence examination*, kif ukoll teknika konsistenti fl-uzu ta' *Vacuum Metal Deposition (VMD*) li hija forsi l-aktar teknika sensittiva biex jigu zviluppati impronti fuq *non-porous articles* bhal ma' huma boroz tal-plastik.[1]

Fl-imsemmija seduta tad-29 ta' April 2004 quddiem il-Magistrat Inkwirenti, P.C. 1238 Clyde Brimmer eleva l-impronti ta' Ian Farrugia (*fingerprints* u *palmprints*). Dawn gew esebiti minnu quddiem il-Magistrat Inkwirenti li ghaddihom lil Nathalie Zahra flimkien mad-dokumenti li kienu gew esebiti minn P.S. Dalli u P.S. Hughes. Il-kaxxa kontenenti l-borza nfethet biex l-impronti fuqha jigu konstatati mill-Magistrat Inkwirenti u mill-espert Nathalie Zahra.

---

[1] Ara **Manual of Fingerprint Development Techniques, Home Office, UK**; ara wkoll: http://scienceandresearch.homeoffice.gov.uk/hosdb/fingerprints-footwear-marks/fingerprinting-methods/index.html; http://crime.about.com/gi/o.htm?zi=1/XJ/Ya&zTi=1&sdn=crime&cdn=newsissues&tm=264&f=00&tt=14&bt=0&bts=0&st=23&zu=http%3A//www.ccs.neu.edu/home/feneric/cyanoacrylate.html; "Superglue fuming works on many surfaces where powder is ineffective, such as plastics, and has the advantage of fixing the print on the surface for later presentation in court" http://www.crimeandclues.com/index.php/physical-evidence/fingerprint-evidence/56-atmospheric-superglue-method.

L-appellant jilmenta li mir-relazzjoni ta’ l-espert imkien ma jinghad li gie ccertifikat li bejn ir-ritratt tal-*lifter* u l-impronti fuq ir-repert kien hemm l-erbatax-il karatteristika li solitament tigi stabbilita. Effettivament dan l-ezercizzju sar billi l-espert ikkomparat ir-ritratti ta’ l-impronti fuq il-borza ma’ l-impronti ta’ Ian Farrugia mehuda fl-awla quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Qabel ma sar dan pero`, l-espert ivverifikat li r-ritratti kienu ritratti ta’ l-impronti fuq il-borza. Fir-rapport taghha esebit fl-20 ta’ Mejju 2004 fl-Istruttorja tghid hekk: “Illi fuq ordni tal-Magistrat Inkwirenti, il-kaxxa li kien fiha l-borza tal-plastik esebit 04 AXL 201, infethet sabiex l-esponenta tikkonferma li l-impronti digitali li jidhru fuq ir-ritratti 04 AXL 201 SG 1A u 1B u 04 AXL 201 SG 2A u 2B jirrapprezentaw l-impronti digitali li jidhru fuq l-esebit 04 AXL 201.” Meta xehdet spjegat li “l-esebit proprja, jigifieri minn fejn inhadu dawk ir-ritratti ghandu n-numru ta’ 04AXL201, dak huwa l-esebit proprja, issa dawk ir-ritratti ghandhom il-code 04 AXL 201 SG1A u 1B u 04 AXL 201 SG2A u 2B, jigifieri dawk ir-ritratti jirrapprezentaw u huma mehudin minn fuq l-esebit originali, jigifieri l-borza. Issa jiena min-naha tieghi rajt kemm l-impronta digitali fuq il-borza kif ukoll dawk ir-ritratti sabiex nikkonferma li dawk ir-ritrattri huma proprjament ta’ l-impronti digitali li kien hemm fuq il-borza.” Barra minn hekk, mistoqsija jekk hijiex procedura normali li l-komparazzjoni ssir minn fruq ritratti ta’ impronti digitali u jekk jaghtix l-istess rizultati, l-espert Zahra wiegbet li r-rizultati jkunu l-istess u li hija normali ghax l-esebit huwa kbir u setghet tahdem minn fuq ir-ritaratti. Fuq mistoqsijiet ohrajn tad-difiza regghet ikkonfermat ukoll li hija kkomparat l-impronti fuq il-borza ma’ l-impronti fir-ritratti u accertat li kienu l-istess.

Ghalhekk m’hemm xejn hazin, kif isostni l-appellant, fil-mod kif saret il-komparazzjoni ta’ l-impronti. U konsegwentement lanqas jista’ jinghad illi l-appellant, kif isostni, sofra pregudizzju ghax ma kellux l-opportunita` li jaghmel mistoqsijiet ulterjuri lill-espert Nathalie Zahra ghax kienet siefret. B’referenza ghall-mistoqsijiet li jirrizultaw a fol. 400a tal-process, din il-Qorti tosserva ulterjorment illi t-tieni u l-hames mistoqsijiet kellhom semmai jigu diretti lil P.S. Dalli u P.S. Hughes. Dwar it-tielet mistoqsija, minn imkien ma jirrizulta illi P.S. Dalli u

P.S. Hughes ghaddew lill-espert Zahra ritratti mill-kollezzjoni tal-Pulizija. Dwar ir-raba' mistoqsija, jirrizulta li r-rapport preliminari jinsab anness mal-process verbal. It-twegibiet ghall-ewwel, is-seba' u t-tmien mistoqsijiet jinsabu fl-osservazzjonijiet li ghamlet aktar qabel din il-Qorti. Dwar is-sitt mistoqsija, ezami tar-ritratti ta' l-impronti fuq il-borza u r-ritratti ingranditi taghhom, kif ukoll ir-ritratti fir-rapport ta' l-espert Zahra juri li jirriflettu l-istess *images*.

Ghaldaqstant it-tielet aggravju huwa michud. Dan ifisser illi din il-Qorti qed taccetta bhala valida l-konkluzjoni fir-rapport peritali ta' Nathalie Zahra illi z-zewg impronti minnha ndikati fuq il-borza tal-plastik trasparenti li nstabet wara l-hajt falz fil-garaxx ta' Joseph Portelli kienu effettivament ta' l-appellant.

Permezz ta' l-ewwel aggravju tieghu l-appellant jissottometti fl-ewwel lok illi x-xiehda ta' Joseph Portelli quddiem l-ewwel Qorti fl-ezami kienet ingarbuljata, izda almenu kellu d-dicenza li ma jinvolvix lill-appellant fis-serq. L-appellant fil-fatt isostni li ma hemmx l-icken prova li hu kien b'xi mod involut fis-serq. Meta Joseph Portelli xehed in kontro-ezami mbaghad, irrizulta, skond l-appellant, li kien qieghed izeffen lill-appellant fil-habi tal-pitturi fil-garaxx semplicement sabiex jaqla' 'l barra lil huh Dennis Portelli li kien il-mohh wara s-serq. Jigifieri Joseph Portelli ta tliet verzjonijiet differenti, wahda lill-Pulizija, wahda fil-proceduri kontra tieghu u ohra fil-proceduri kontra l-appellant. Huwa ghalhekk inspjegabbli, isostni l-appellant, kif l-ewwel Qorti strahet fuq ix-xiehda ta' dan Joseph Portelli. Ikompli jghid l-appellant: "Il-verzjoni ta' Portelli tant m'ghandhiex mis-sewwa li l-istess Spettur Mallia fil-kontro-ezami tieghu jghid li huwa ma ressaqx il-Qorti persuni ohrajn imsemmija minn Portelli ghaliex huwa lil dan ix-xhud ma kienx jemmnu f'kollox. Mhux biss izda, bil-fatti, persuni ohra msemmija, inkluz Dennis Portelli, qatt ma ttiehdu proceduri kontra taghhom minkejja li jissemmew fil-hafna stejjer u rakkonti li jaghmel Joseph Portelli." L-appellant jghid ukoll illi huwa wkoll inkwjetanti kif l-ewwel Qorti nvolvietu fis-serq semplicement minhabba s-sellum li suppost inxtara minnu meta dwar dan anqas hemm nitfa ta' prova.

Kwantu mbaghad it-tieni aggravju, l-appellant jghid illi kif l-ewwel Qorti sabitu hati kemm ta' serq kif ukoll ta' ricettazzjoni meta hawn si tratta ta' imputazzjonijiet alternattivi huwa inkoncepibbli. Skond l-appellant, jekk wiehed jaghzel li jhares lejn il-provi b'mod oggettiv, ikun verament perikoluz fis-sistema taghna li tigi misjuba htija semplicement jekk tinstab impronta digitali (i) mhux fuq ix-xena tad-delitt (ii) anqas fuq ir-res furtiva izda fuq *wrapper* li fiha kien hemm imgezwer oggett misruq. L-appellant jghid illi l-gurisprudenza in materja inizjalment kienet tghid illi prova cirkostanzjali wehidha mhix bizzejjed jekk mhux korroborata bi prova diretta ohra. Sussegwentement beda jinghad li anke jekk ikun hemm prova cirkostanzjali wehidha (bhal impronta digitali) din hija bizzejjed dment li l-imputat ma jaghtix spjega plawsibbli ta' kif din l-impronta sabet ruhha fejn instabet. "Izda importanti li jigi enfasizzat", ikompli l-appellant, "li s-sentenzi kollha fejn il-Qrati hassew li l-akkuzat kellu jaghti spjega biex tinstab htija jikkoncernaw impronti digitali li nstabu fuq ix-xena tas-serqa anzi kienu jikkoncernaw impronti digitali li nstabu *spot on* fuq oggetti li kienu fil-vicinanzi immedjati tal-affarijiet misruqa minn fuq il-post mnejn saret is-serqa. L-esponent jirritjeni fuq livell akkademiku u b'kull rispett li dan l-izvilupp fil-gurisprudenza, kien wiehed kemm xejn 'pro prosekuzzjoni' tenut kont li dottrini antiki penali dejjem ghallmu li prova cirkostanzjali wehidha mhux bizzejjed. Izda b'kull rispett li issa dina t-teorija u linja ta' hsieb tigi estiza wkoll ghall-kaz in ezami, fejn ma hemm ebda impronti fuq ix-xena tad-delitt li jaqblu ma' ta' l-imputat u fejn l-uniku impronta li hemm hija fuq borza li fiha kien ingezwer wiehed minn l-inkwatri hija ghal kollox skorretta u xxeqleb il-mizien bil-wisq sfaccatament favur il-prosekuzzjoni meta l-affarijiet ghandhom ikunu proprju bil-maqlub, u cioe` li fejn hemm dubju ragjonevoli, l-istess ghandu jibbenefika lill-akkuzat." L-appellant jghid illi huwa jaghti spjega dettaljata ta' kif huwa kien jidhol fil-garaxx in kwistjoni u li huwa anke ma eskludiex li seta' f'xi okkazjoni mess il-borza tal-plastik b'idejh – jigifieri huwa ta spjegazzjoni ta' kif l-impronti tieghu setghu nstabu fuq il-post;

Bhalma diga` qalet din il-Qorti meta kienet qed tikkunsidra t-tielet aggravju, fuq borza tal-plastik li kienet qed tghatti parti mir-refurtiva nstabu impronti tas-swaba' ta' l-appellant. Din ir-refurtiva kienet wara hajt falz go garaxx ta' Joseph Portelli, liema hajt inbena specifikatament biex jostor il-maggor parti tar-refurtiva. Wahda mill-pitturi kienet inhbiet fl-i*storage space* tas-sodda principali fil-kamra tas-sodda tar-residenza ta' Joseph Portelli. Jirrizulta li l-borza tal-plastik in kwistjoni kienet ta' sellum li kien inxtara mill-hanut R & G Ironmongery u li s-sellum li ntuza mill-hallelin biex jisirqu mir-residenza ta' l-Onor. Imhallef Giovanni Bonello kien l-istess bhal dak li kien inxtara mill-imsemmi hanut.

Issa x-xiehda ta' l-appellant quddiem l-ewwel Qorti tikkonsisti bazikament f'sensiela ta' cahdiet: li ma jaf assolutament xejn dwar il-pitturi, li qatt ma ghamel xoghol ta' gebel, li ghalkemm kien imur regolarment fil-garaxx in kwistjoni (kull nhar ta' Sibt) qatt ma nnota xoghlijiet strutturali jsiru fih, li qatt ma ra terrapien, cement, trab jew tibjid, u li qatt ma nduna li l-garaxx kien qsar. Din il-Qorti tghid mill-ewwel li x-xiehda ta' l-appellant ma hijiex wisq konvincenti. Biss biss jekk kien imur regolarment fil-garaxx, ma jistax ikun li qatt ma nduna bit-tibjid frisk tal-hajt ta' wara tal-garaxx u bit-trabijiet li kien hemm fl-art tul il-garaxx kollu (ara ritratti fil-faxxikolu fotografiku Dok. MM5 mnejn f'uhud minnhom tidher ukoll parti fejn probabbilment saret it-tahlita tat-tajn, xiehda ta' xoghlijet li kienu saru fil-garaxx) – u dan f'garaxx fejn skond l-appellant kienu jmorru jahslu l-karozza. Barra minn hekk, l-appellant la jaghti u lanqas jipprova jaghti ebda spjegazzjoni dwar kif l-impronti tieghu waslu fuq il-borza tal-plastik li nstabet wara l-hajt falz. Difatti kull ma jghid dwar boroz tal-plastik hu dak li qal b'risposta ghal mistoqsija tal-prosekuzzjoni jekk qattx osserva boroz tal-plastik "hdejn" il-garaxx, mistoqsija li ghaliha wiegeb biss li "jista'jkun illi kien hemm xi boroz tal- plastik".

Kwantu mbaghad ix-xiehda ta' Joseph Portelli, l-appellant jattakka din ix-xiehda bhala mhux kredibbli. Huwa veru illi hemm tibdil f'dak li jixhed Joseph Portelli, izda xorta baqa' jimplika lill-appellant. L-ewwelnett li kien hemm aktar minn

persuna wahda nvoluta fil-habi tal-pitturi, jghidha mill-ewwel Joseph Portelli meta xehed quddiem l-ewwel Qorti waqt l-ezami. Jghid li l-pittura “poggewha” fil-garaxx nies ohrajn u li “gabuhieli” fis-sena 2004. Imbaghad jghid li gabha l-appellant. Jghid li kien ta c-cavetta tal-garaxx lill-appellant li qallu li ried ipoggi xi affarijet fih. Dwar il-pittura fil-kamra tas-sodsa tieghu jghid li din gabhielu wkoll l-appellant. Jghid ukoll li kienu hu u l-appellant biss li kienu qed jiftehmu dwar dik il-pittura. Meta sar jaf dwar is-serq mir-residenza ta’ l-Imhallef Bonello, mar sab lill-appellant u qallu biex inehhi l-affarijiet mill-garaxx u dan qallu biex itieh cans. Darba minnhom sab li kellu l-pulizija ghassa u cempel lill-appellant u saqsieh x’se jaghmel. Iltaqghu u l-appellant hadu f’xi post tieghu bejn Bugibba u l-Qawra. Portelli jghid li baqa’ hemm u l-appellant telaq. Aktar tard l-appellant mar ghalih biex jiehdu halli jipprova jidhol id-dar minn wara biex inehhi l-pittura li kien hemm izda kien ghalxejn. Marru jieklu xi haga u mbaghad talab lill-appellant jiehdu lura d-dar fejn dan Portelli gie arrestat.

Joseph Portelli mbaghad xehed in kontro-ezami fejn gie konfrontat b’xiehda li kien ta fil-proceduri li ttiehdu kontra tieghu. Meta konfrontat b’dik ix-xiehda fil-fatt qal li c-cavetta tal-garaxx kien taha lil huh Dennis Portelli izda kienet ghand l-appellant u kienu marru t-tnejn flimkien ghac-cavetta. Ma qalx hekk waqt l-ezami ghax ma riedx jinkrimina lil huh. Dwar il-pittura li nstabet fid-dar tieghu, qal ukoll li kienu tawhielu Dennis Portelli u l-appellant flimkien u rega’ sostna li waqt l-ezami ma semmiex lil huh biex ma jinkriminahx. Dwar dak kollu li qal b’referenza ghall-perijodu meta nduna li gew skoperti mill-Pulizja ma biddel xejn. Inoltre jidher li Joseph Portelli kien semma lill-appellant mill-bidu nett ta’ l-investigazzjoni. Difatti l-Ispettur Michael Mallia fuq mistoqsija tad-difiza stess jekk lil Ian Farrugia kienx semmihulu Joseph Portelli, ix-xhud wiegeb “iva”.

Huwa evidenti mill-provi illi l-appellant mhux biss kien jaf bir-refurtiva izda sahansitra kien involut fil-habi taghha. Mill-provi pero` ma jirrizultax meta ezattament l-appellant gie fil-pussess tar-refurtiva. Ma jirrizultax li nstabu impronti tieghu fir-residenza ta’ l-Imhallef Bonello. Ma jirrizultax

min kien li xtara s-sellum uzat mill-hallelin. Ma jirrizultax li l-borza tal-plastik li fuqha nstabu l-impronti tieghu kienet fl-imsemmija residenza jew vicinanzi taghha. Is-suspett biss, anke jekk suspett qawwi, li l-appellant wettaq is-serqa flimkien ma’ ohrajn mhux bizzejjed biex jinstab hati ta’ l-ewwel zewg imputazzjonijiet. Ghalhekk ma setax jinstab hati taghhom. Kwindi tirrizulta biss fil-konfront ta’ l-appellant l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni.

L-ahhar aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-piena li jqis bhala harxa zzejjed. Jilmenta li Joseph Portelli, li ma ammettiex il-kaz, u kellu fedina penali aghar minn dik ta’ l-appellant, gie kkundannat erba’ snin habs fuq l-istess kaz Ghalhekk ghandu jkun hemm temperament fil-piena. Din il-Qorti tghid illi se jkun hemm temperament fil-piena unikament peress illi l-appellant sejjer jigi dikjarat mhux hati ta’ l-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-imsemmi Ian Farrugia hati ta’ l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati ta’ dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu seba’ snin prigunerija u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ hames snin, filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------